**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imhallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)**

**Appell Nru: 75 / 2021**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**David Farrugia**

Illum, 25 ta' Jannar 2022

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant David Farrugia, 46 sena, imwieled tal-Pieta' nhar id-9 ta' April 1974, residenti 45, Triq l-Immakulata Kuncizzjoni, Haz-Zabbar u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 205074 (M), akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Talli fit-13 ta' Settembru, 2020, ghall-habta ta' 01:00hrs gewwa 45, Triq l-Immakulata Kuncizzjoni, Haz-Zabbar:

1. Hebb ghal Mariah Farrugia biex jingurjaha, idejjaqha jew jaghmillha hsara b' xi mod;
2. Insulenta, hedded jew ingurja bi kliem jew b' mod iehor lil Paul Cassar;

Il-Qorti hija mitluba wkoll sabiex f' kaz ta' htija tipprovdi ghas-sigurta' ta' Maria Farrugia skont it-termini tal-Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-24 ta' Frar, 2021, fejn il-Qorti wara li rat l-Artikoli 339 (1) (d) u 339 (1) (e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti ma sabitx lill-imputat hati tat-tieni (2) imputazzjoni stante li ma irrizultatx, izda sabithu hati tal-ewwel (1) imputazzjoni u rabtet lil David Farrugia b' garanzija personali fil-konfront ta' Mariah Farrugia ghal perjodu ta' sitt (6) xhur taht penali ta' hames mitt ewro (€500) ai termini tal-Artikolu 383 tal Kodici Kriminali.

Rat ir-rikors tal-appellant David Farrugia minnhu pprezentat fit-8 ta' Marzu, 2021, fejn talbet lil din il-Qorti sabiex:

i. Tilqa l-ewwel aggravju u filwaqt li tirriforma s-sentenza appellata tal-erbgha u ghoxrin (24) ta' Frar tas-sena elfejn u wiehed u ghoxrin (2021), u filwaqt illi tikkonferma l-parti tas-sentenza fejn sabet lil appellanti mhux hati tat-tieni imputazzjoni u illiberatu mit-tieni imputazzjoni, tghaddi sabiex thassar, tirrevoka u tannulla s-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. David Farrugia** deciza fl-erbgha u ghoxrin (24) ta' Frar tas-sena elfejn u wiehed u ghoxrin (2021) nkwantu sabet lil-appellanti hati tal-ewwel inputazzjoni u konsegwentament tillibera lill-appellanti David Farrugia minn kull imputazzjoni u htija;

Rat illi l-aggravji ta' l-appellanti huma cari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti:

**A. L- Ewwel Aggravju - illi ll-ewwel Qorti ma ghamlitx apprezament tajjeb tal-provi u kienet zbaljata meta sabet htija fir-rigward tal-ewwel imputazzjoni stante li din ma kienitx tirrizulta;**

**B. It-tieni Aggravju – Illi l-ewwel Qorti kienet zbaljata meta sabet lil-appellanti hati tal-ewwel imputazzjoni u dana peress illi ma giex pruvat il-volontarjeta ta l-att innifsu fis-sens illi ma giex pruvat illi l-appellanti b' xi mod volontarju u jew kif tirrekjedi l-ligi hebb ghall Mariah Farrugia sabiex jiingurja, jhedded, idejjaq jew jaghmillha l- hsara**

**SOTTOMISJONIJIET DWAR L-AGGRAVJI**

**C. L- Ewwel Aggravju - illi ll-ewwel Qorti ma ghamlitx apprezament tajjeb tal-provi u kienet zbaljata meta sabet htija fir-rigward tal-ewwel imputazzjoni stante li din ma kienitx tirrizulta;**

1. L-appellanti jhoss illi l-ewwel Qorti ghamlet apprezament tal-provi mod hazin wara li semghet lil parte civile u lilu tixhed;

2. Filfatt dak inhar tas-smiegh kien hemm zewg kawzi qeghdin jintemsghu kontestwalment; Kien hemm kawza ohra ' Il-Pulizija vs. Mariah Farrugia" li fih l-parte civile kienet akkuzata b' offizi identici ghall dawk tal-esponenti;

3. Illi l-parte civile instabet hatja tat-tieni imputazzjoni – meta fil-verita hi kellha tinstab hajta tal-ewwel imputazzjoni ukoll u dana peress illi fix-xhieda taghha hija ammettiet li hi kienet li imbuttat lil-missierha;

4. Illi dwar din l-ewwel akkuza li taghha instab hati l-esponenti u cioe li hebb ghal bintu Mariah Farrugia sabiex jingurjaha jew idejqa jew jghamillha xi hsara l-esponenti jissottometti s-segwenti. Din hija l-kontravenzjoni moghtija ai fini tal-artikolu 339 (1) (d) tal-kap 9 tal-ligijiet ta' Malta.

5. L-esponenti jirreferi ghas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Joseph Pace** [3] intqal li :

> *L-ewwel Qorti rravvizat fl-ghemil ta' l-appellant il-kontravvenzjoni kkontemplata fl-artikolu 339(1)(d) tal- Kodici Kriminali. Din il-kontravvenzjoni kontra l-persuna ssehh meta persuna thebb kontra persuna ohra sabiex tingurja, iddejjaq jew taghmel hsara lil dik il-persuna l-ohra jew lil haddiehor, kemm-il darba l-fatt ma jkunx jaqa' taht xi disposizzjoni ohra tal-*

*Kodici k riminali. Biex persuna thebb kontra persuna ohra ma hemmx ghalfejn li effettivament ikun hemm kuntatt fiziku; bizzejjed li jkun hemm il-potenzjalita` ta' tali kuntatt permezz tal- manifestazzjoni ta' forza fizika indirizzata lejn dik il-persuna ohra. Forsi t-test Ingliz ta' din il-kontravvenzjoni jiddeskrivi ahjar il-kuncett ta' ' hebb' : ' ... attempts to use force against any person with intent to insult, annoy or hurt such person or others ...' (enfasi mizjuda). Jekk ikun hemm kuntatt fiziku multo magis wiehed jista' jghid li wiehed hebb ghal persuna ohra, sakemm il-fatt ma jammontax ghal xi reat iehor jew reat aktar gravi'*

6. Illi fil-kaz odjern ma kienx hemm xejn minn dak li tesigi din l-offiza sabiex tinstab htija fis-sens illi ma kienx hemm uzu ta' forza u dana ghas-segwenti ragunijiet:

*(i) Kienet il-parte civile li imbuttat lil-appellanti;*
*(ii) Kienet il-parte civile li holqot il konflitt u li uzat forza fuq l-esponenti u dana kif anki jirrizulta mill-verzjoni tempo vergine li ta l-appellanti li huwa reggha irreplika quddiem l-ewwel Qorti:*
*(iii) Fil-fatt l-incident gara wara li l-appellanti ' talab' lil bintu ttieh lura l-headphones u skatta u skala t-tifla qaltlu li kellha l-headphones u ma kienitx ha ttihomlu – u kien hawn li hi hebbet ghalih u bdiet timbuttah il-barra mill-bieb tal-kamra taghha;*

7. Illi hawnhekk si tratta ta' minuri – ma kien hemm l-ebda kuntatt jew forza uzata mill-apellanti ghajr li hu gie mbuttat minn bintu minorenni l-barra minn go kamra, go daru; fi proprjeta tieghu;

8. Illi Alla hares kellna kull kaz bhal dan iwassal ghal htija f' dan is-sens ghax il-precedent li jinholoq huwa wiehed mistkerrah fejn il-genituri issa jinstabu hatja li hebba ghall ulied talli jitolbuhom jirritornaw lura dak li huma jikkaparaw u ma jkunx taghhom;

9. Illi l-isfond delikat ta' dan il-kaz huwa wiehed li jimpingi hafna fuq il-mertu ta' dan il-kaz; u dak flimkien mal-fatti u x-xhieda li taw il-partijiet, kif gie trattat quddiem l-ewwel Qorti; anki fl-isfond tas-separazzjoni harxa li ghadejja bejn il-partijiet wassal lil din it-tifla biex tixhed kif xehdet bit tir li s-sentenza li tinghata kontra missierha tintuza fic-civil kontrieh sabiex jigi zgumbrat mid-dar matrimonjali – u dana ghal iskopijiet ta' omm il minuri u xejn aktar;

10. Ghaldaqstant l-appellanti jikkontendi li l- ewwel Qorti kellha ssegwi l-princ̆ipju in dubio pro reo stante li l-prosekuzzjoni naqset milli tipprova l-każ taghha lil hinn minn kull dubju u dana kif spjiegat f' dan l-aggravja li l-appellanti jikkontendi li l-appellanti kellu mhux biss jigi liberat mit-tieni imputazzjoni izda jigi liberat mill-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu u huwa ghalhekk li l-appellanti jikontendi li l-ewwel aggravju ghandu jigi milqugh;

D. **<u>It-tieni Aggravju – Illi l-ewwel Qorti kienet zbaljata meta sabet lil-appellanti hati tal-ewwel imputazzjoni u dana peress illi ma giex pruvat il-volontarjeta ta l-att innifsu fis-sens illi ma giex pruvat illi l-appellanti b' xi mod volontarju u jew kif tirrekjedi l-ligi hebb ghall Mariah Farrugia sabiex jiingurja, jhedded, idejjaq jew jaghmillha l- hsara.</u>**

11. L-appellanti jikkontendi illi l-elementi intenzjonali f' dina l-akkuza ta' natura kontravenzjonali ghalkemm ma hemmx bzonn li jigi ppruvat u cioe' li l-appellant ghamel l-azzjoni inkriminatorja b' xi hsieb maghmul b' intenzjoni premeditata. Hemm bzonn li jigi ppruvat il-volontarjeta ta' l-att innifsu. Din tkun bizejjed sabiex jigi ppruvat li meta l-appellanti kien qieghed jitlob il-*headphones* lil bintu huwa b' xi mod volontarju hebb ghall bintu Mariah Farrugia b' mod volontarju u dana sabiex kif tirrikjedi il-ligi jingurjaha, idejjaqa jew jaghmillha l-hsara; (ara sentenza Il-Pulizija vs. Joseph Pisani (APP KRIM 30/03/2017 IMH EDWINA GRIMA)

12. Illi fil-kaz odjern dan ma rrizultax; Ma rrizultax mill-affidavits tal-pulizija; ma rrizultax mix-xhieda ta' parte civile; ma rrizultax mix-xhieda tal-appellanti u kien

ghalhekk illi l-appellanti jikkontendi illi  l-agir tieghu fil-mument semplici li huwa talbaha tittitornalu lura l-headphones li kienet serqitlu bl-ebda mod ma jaqa fil-parametri tal-ligi li jinholoq dan ir-reat ta' natura kontravenzjonali u dana peress illi:

(i) Ma ngabitx il-prova li l-awtur tal-offiza u cioe l-appellanti ittenta f' xi hin juza l-forza sabiex huwa  jaghmel il-hsara jingurja lil-parte civile;

(ii) Ma ngabet l-ebda prova li f' xi hin hebb ghall parte civile izda minflok kienet il-parte civile li xehdet li kienet hi li ' imbuttat' lil-missierha;

13. Illi huwa ghalhekk illi l-appellanti jikkontendi li dan it-tieni aggravju tieghu ghandu jigi milqugh.

Semghet lill-avukat difensur tal-appellant tghid fis-seduta tal-11 ta' Jannar 2022 li illum il-gurnata il-kwisjtoni civili bejn il-partijiet giet tranzatta u li ghalhekk kienet qed tirrimetti ruhha ghall-atti processwali.

Rat li l-Avukat Generali irrileva li l-materja in desamina ma hiex ta' natura civili u li ghalhekk talab lil din il-Qorti tghaddi ghas-sentenza taghha.

Ikkunsidrat,

Illi fir-rigward l-ewwel aggravju u cioe' li l-Ewwel Qorti ghamlet apprezzament zbaljat tal-provi, din il-Qorti tixtieq tibda billi tghid illi kif diga' gie ritenut diversi drabi, f'bosta sentenzi illi:

> *"principju fundamentali applikabbli fl-appelli kriminali huwa li l-Qorti ta' l-Appell ma tiddisturbax facilment l-apprezzament tal-provi maghmul mill-Ewwel Qorti, izda taghmel apprezzament approfondit ta' l-istess biex tara jekk l-Ewwel Qorti setghetx, legalment u ragonevolment , tasal ghall-konkluzzjoni li tkun waslet ghaliha."*

(App. Krim. **Il-Pulizija vs. Joseph Zahra**[1] u **Il-Pulizija vs Charles Victor Edward Cassar**[2] u ohrajn.)

Ghaldaqstant, kif gie ritenut fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Guzeppi Bilocca**,[3]

> *'…din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-Ewwel Qorti, **izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-Ewwel Qorti kienetx ragjonevoli fil-konkluzzjoni taghha. Jekk izda din il-Qorti tasal ghall-konkluzzjoni li l-Ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura mpellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni w konkluzzjoni*** (ara f'dan is-sens "inter alia" l-Appelli Kriminali : "**Il-Pulizija vs. Raymond Psaila et.**[4]" ; "**Ir-Repubblika ta' Malta vs. George Azzopardi**[5]" ; "**Il-Pulizija vs. Carmel sive Chalmer Pace**[6]"; "**Il-Pulizija vs. Anthony Zammit**[7]" "**Il-Pulizija vs Julian Genovese**[8]"u ohrajn.'

Illi f'diversi appelli kriminali fosthom **Il-Pulizija vs Anthony Debono**;[9] **Il-Pulizija vs Noel Borg**;[10] **Il-Pulizija vs Brian Barbara;**[11] **Il-Pulizija vs Therese Attard Flores**[12]u ohrajn, kollha jaghmlu referenza ghall-appell kriminali fil-kawza fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Ivan Gatt**[13], fejn inghad illi :-

---

[1] Deciz mill-Qorti tal-Appeli Kriminali nhar il-10 ta' Mejju 2002.
[2] Deciz mill-Qorti tal-Appeli Kriminali nhar id-29 ta' Mejju 2013.
[3] Deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-12 ta' Frar, 2009.
[4] Deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-12 ta' Mejju, 1994.
[5] Deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-14 ta' Frar, 1989.
[6] Deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-31 ta' Mejju, 1991.
[7] Deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-31 ta' Mejju, 1991.
[8] Deciz mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar il-31 ta' Lulju, 2008.
[9] Deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-3 ta' Settembru, 2021.
[10] Deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-23 ta' Settembru, 2021.
[11] Deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-23 ta' Settembru, 2021.
[12] Deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-14 t' Ottubru, 2021.
[13] Deciz mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar l-1 ta' Dicembru 1994.

*'Fi kliem iehor, l-ezercizzju ta' din il-Qorti fil-kaz prezenti u f'kull kaz iehor fejn l-appell ikun bazat fuq apprezzament tal-provi, huwa li tezamina l-provi dedotti f' dan il-kaz,* ***tara jekk, anki jekk kien hemm versjonijiet kontradittorji – kif normalment ikun hemm – xi wahda minnhom setghetx liberament u serenament tigi emmnuta minghajr ma jigi vjolat il-principju li d-dubju ghandu jmur favur l-akkuzat u, jekk tali versjoni setghet tigi emmnuta w evidentement giet emmnuta…. , il-funzjoni , anzi d-dover ta' din il-Qorti huwa li tirrispetta dik id-diskrezzjoni u dak l-apprezzament. Biex din il-Qorti, kif del resto gieli ghamlet – tiddisturba l-gudizzju …, trid tkun konvinta li l-istess ma setghux, taht ebda cirkostanza ragjonevoli, jaghtu affidament lill-versjoni minnhom emmnuta.'***

Illi tajjeb li jigi enfasizzat illi din il-Qorti bhala Qorti ta' revizjoni ma tkunx semghet hi x-xhieda jixhdu *viva voce* kif tkun semghethom l-Ewwel Qorti u ghaldaqstant hija zvantagguza ghax ma tkunx rat il-komportament taghhom fuq il-pedana tax-xhieda. Madankollu, dan ma jfissirx pero min-naha l-ohra li jekk ma semghetx ix-xhieda hi, ma tistax tasal ghall-konkluzjoni li x-xhieda li ddeponew ma kienux kredibbli jew konsistenti f'dak li qalu jew li tali xhieda hi kontradetta minn xhieda ohra. Ghalhekk din il-Qorti ukoll trid taghmel ezami akkurat u approfondit tal-provi sabiex tara jekk l-Ewwel Qorti setghetx fuq il-provi li kellha tasal b'mod "safe and satisfactory" ghall-konkluzzjoni ta' htija.

Ikkunsidrat,

**PS 654 Elton Bondin**,[14] xehed permezz ta' affidavit datat l-4 t' Ottubru, 2020 fejn spjega illi nhar l-14 ta' Settembru, 2020 ghal habta ta' 00.01 hrs irrapurtat gewwa l-ghassa ta' Haz-Zebbar Mariah Farrugia fejn stqarret li gurnata qabel u cioe' nhar it-

[14] Fol. 2 tal-atti processwali.

13 ta' Settembru, 2020 xi 1.00 hrs hija rritornat id-dar u meta kienet fil-kamra taghha missierha David Farrugia kien mar jitlobha l-*headphones* li skond hi kien tahomlha rigal. Hija qalet li x'hin ma riditx ittih il-*headphones*, missierha qalilha li kien sejjer jaghmel rapport l-ghassa li din serqitomlu. X'hin nezghet l-arlogg, hu hadu sabiex ikollu xi haga taghha fil-pussess tieghu u pprova anke johdilha l-mobile. Spjegat li meta missierha ghamel it-tieni attentat sabiex johdilha l-mobile, din qabdet ixxejjirlu daqqiet ta' ponn f'sidru u f'idu sabiex tiddefendi ruhha u jhalliha bi kwieta. Hi hatfitlu l-arlogg u qaltlu sabiex jitlaq il-barra u spiccat imbutatu sabiex dan jaghmel hekk. Hi qalet li hawn hu beda jghajjarha qahba bhal ommha u li daqt ha jidfinha gol-qabar. Hi kienet offrutha l-assistenza tal-appogg sabiex isir 'risk assesment' fejn dak il-hin kienet irrifjutat li taghmlu u hekk kif tahsibha kienet ser terga tmur l-ghassa filghodu sabiex taghmlu, izda din qatt ma marret.

Hu xehed ukoll illi David Farrugia irraporta nhar is-17 ta' Settembru, 2020 fejn wara li kellem l-avukat tieghu stqarr li huwa vera kien dahal fil-kamra ta' Mariah sabiex isaqsiha jekk ghandiex il-*headphones* tieghu u hi kienet wegbitu li kienu ghandha imma ma kienitx ser ittihomlu. Hu baqa' jistaqsiha ghaliha, fejn imbghad din hebbet ghalih u bdiet tipprova tinbuttah sabiex johrog mill-kamra taghha. Hu kien qabbdilha idejha sabiex jipprotegi ruhhu u hadilha l-arlogg. Hu kien qalilha sabiex ittih il-headphones u hu kien itiha lura l-arlogg. Hu stqarr illi huma baqghu jargumentaw verbalment izda meta ra li kien qed isir il-hin u beda jsir hafna storbju, hu tahha l-arlogg lura u telaq mill-kamra. David zied illi nhar it-13 ta' Settembru, 2020 huwa kien mar l-ghassa sabiex jiehu parir dwar l-istess sitwazzjoni, izda kien iddecieda li ma jaghmilx rapport sabiex is-sitwazzjoni ma teskalax sal-Qorti.

**Mariah Farrugia**[15] xehdet nhar l-24 ta' Frar, 2021 fejn qalet illi nhar it-13 ta' Settembru, 2020 xi s-siegha ta' filghodu missierha dahal go kamritha u talabha ttih il-*headphones* li kien taghha bhala rigal. Spjegat illi meta ma riditx ittihomlu dan wissiha li kien ser imur l-ghassa jaghmel rapport li din kienet qed tisraqlu l-affarijiet

---

[15] Fol. 12 tal-atti processwali.

mid-dar tieghu. Hu baqa' jinsisti u hi baqghet tghidlu le u ghalhekk hadilha l-arlogg li kienet ghadha kemm tinza. Hi qalet ukoll li pprova jihdilha l-mobile u ghafsilha idejha u hi gholliet idejha bhala defence u dan ghaliex kif spjegat, wara li bdew jisseparaw ommha u missierha, hu sar naqa' vjolenti meta qabel ma kienx u bdiet tibza. Xehdet illi hu qalilha li hi qahba bhal ommha u li lill-ommha fil-qabar jitfaha. Spjegat li  bhal hafna drabi hu beda jghajjarha u qaltlu kemm-il darba sabiex johrog mill-kamra u ma harigx u ghalhekk spiccat imbuttatu l-barra. Hu kien qalilha li kien sejjer jaghmlilha rapport l-ghassa u hi qaltlu sabiex jaghmlu ghax hi ma ghamlet xejn hazin. L-ghada tghid illi marret taghmillu rapport hi ghax ma setghetx tissaportih jaghmel dawn il-kummiedji kollha kuljum.

**<u>David Farrugia</u>**[16] xehed nhar l-24 ta' Frar, 2021 fejn qal li nhar it-13 ta' Settembru xi n-nofs-siegha ta' filghodu hu kien qieghed id-dar mat-tifel u xi s-siegha neqsin kwart ta' filghodu giet Mariah u peress li ma kellux naghas, mar talabha l-*headphones* tieghu. Hi qabdet tghajjat u ma riditx ittihomlu, mbutatu mill-kamra u ghal naqra ma marx lura ghat-tarag. Bdiet tghidlu sabiex jaqbez il-barra u ma jersqiliex 'l hemm. Hu pprova joqghod kalm, bdiet tinza l-accessorji u hadilha l-arlogg u qalilha li kien ser johodulha jekk ma kienitx ser ittih il-*headphones.* Hi baqghet tinsisti u tghajjru, sahansitra qaltlu li hu mhux missierha. Hi regghet gholliet idha u regghet imbuttatu. Hu qabad l-arlogg, rega poggijulha fuq il-komodina u mar lura lejn kamartu. L-ghada filghodu mar l-ghassa sabiex jiehu parir u l-pulizija kienu nfurmawh illi jekk jaghmel rapport huma kellhom jipprocedu b'kawza u hu qal li ma riedx idahhal lit-tifla fi problemi u waqqaf kollox hemm. Hu nnega illi lit-tifla tieghu qalilha dawk il-kliem, anzi hu ried imewwet is-sitwazzjoni u jzomm il-kalma ghax kien il-hemda tal-lejl, infatti mar fil-kamra tieghu fejn it-tifel li kien ghadu minorenni u mhux sew li joqghod jara dawn l-affarijiet.

Illi fir-rigward tat-tieni aggravju, l-appellant jargumenta illi dan ma setghax jinstab hati tal-ewwel imputazzjoni ai termini Artikolu 339(1)(d) tal-Kodici Kriminali u dana

[16] Fol. 15 tal-atti processwali.

peress illi ma giex pruvat il-volontarjeta tal-att innifsu, fis-sens illi ma giex pruvat illi l-appellanti b' xi mod volontarju u jew kif tirrekjedi l-ligi hebb ghall Mariah Farrugia sabiex jiingurja, jhedded, idejjaq jew jaghmillha l- hsara.

Artikolu 339(1)(d) tal-Kodici Kriminali jistipula s-segwenti:

> *339. (l) Huwa ħati ta' kontravvenzjoni kontra l-persuna, kull min- (d) iħebb kontra persuna sabiex jinġurja, idejjaq jew jagħmel ħsara lil din il-persuna jew lil ħaddieħor, kemm-il darba l-fatt ma jkunx jaqa' taħt xi dispożizzjoni oħra ta' dan il-Kodiċi;*

Din il-Qorti sejra tghaddi sabiex taghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs John Bonnici</u>**:[17]

> *7. L-artikolu 339(1)(d) tal-*Kodiċi Kriminali jipprovdi li huwa ħati ta' kontravvenzjoni kull min "iħebb kontra persuna sabiex jinġurja, idejjaq jew jagħmel ħsara lil din il-persuna jew lil ħaddieħor, kemm-il darba l-fatt ma jkunx jaqa' taħt xi disposizzjoni oħra ta' dan il-Kodiċi" *(sottolinear ta' din il-Qorti). Fl-Appell Kriminali* ***<u>Il-Pulizija v. Joseph Pace</u>*** *deċiż fid-9 ta' Mejju 1997 intqal:*
>
> *"Din il-kontravvenzjoni kontra l-persuna ssehh meta persuna thebb kontra persuna ohra sabiex tingurja, iddejjaq jew taghmel hsara lil dik il-persuna l-ohra jew lil haddiehor, kemm-il darba l-fatt ma jkunx jaqa' taht xi disposizzjoni ohra tal-Kodici Kriminali.* ***<u>Biex persuna thebb kontra persuna ohra ma hemmx ghalfejn li effettivament ikun hemm kuntatt fiziku; bizzejjed li jkun hemm il-potenzjalita` ta' tali kuntatt permezz tal-manifestazzjoni ta' forza fizika</u>***

[17] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-3 ta' Frar, 2016.

> ***indirizzata lejn dik il-persuna ohra. Forsi t-test Ingliz ta' din il-kontravvenzjoni jiddeskrivi ahjar il-kuncett ta' 'hebb': '... attempts to use force against any person with intent to insult, annoy or hurt such person or others ...'*** *(enfasi mizjuda). Jekk ikun hemm kuntatt fiziku multo magis wiehed jista' jghid li wiehed hebb ghal persuna ohra,* sakemm il-fatt ma jammontax ghal xi reat iehor jew reat aktar gravi" (sottolinear ta' din il-Qorti). [18]

Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Omisses**[19] gie enfasizzat illi:

> *'Sabiex din l-akkuza tirrizulta ma hemmx bzonn li l-akkuzat jikkaguna feriti izda anke is semplici attentat ta' kagunar ta' ferita jammontaw ghal dan ir-reat.'*[20]

Mariah Farrugia qalet quddiem l-Ewwel Qorti li l-appellant ipprova jihdilha l-mobile u ghafsilha idejha u hi gholliet idejha bhala *defence* u dan ghaliex kif spjegat, wara li bdew jisseparaw ommha u missierha, hu sar naqa' vjolenti meta qabel ma kienx u bdiet tibza. Min-naha l-ohra l-appellant quddiem l-Ewwel Qorti ma semmiex li ghamel xi kuntatt fiziku ma bintu Mariah Farrugia, madankollu meta ta l-verzjoni tieghu lil pulizija hu qal li qabbdilha idejha sabiex jipprotegi ruhhu u hadilha l-arlogg. Ghaldaqstant hawnhekk ukoll il-Qorti hija rinfaccata b'verzjonijiet kunflingenti. F'dan ir-rigward jiddependi lil min taghzel temmen din il-Qorti, jekk hux lill-appellant jew lil bintu, sabiex tara tirrizultax l-imputazzjoni ai termini Artikolu 339(1)(d) tal-Kodici Kriminali.

Ikkunsidrat,

---

[18] Ara wkoll **Il-Pulizija vs Caven Cutajar** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-15 ta' Settembru, 2020.

[19] Deciza mill-Qorti Kriminali nhar l-1 ta' Lulju, 2021.

[20] Ara wkoll **Il-Pulizija vs Lawrence Gerada**, deciza mill-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, nhar is-16 t' April, 2021; **Il-Pulizija vs Harold Gerada**, deciza mill-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, nhar is-16 t' April, 2021;

Illi din il-Qorti tinsab rinfaccata b'zewg verzjonijiet kunflingenti u cioe' dik tal-appellant fuq naha u ta' bintu Mariah Farrugia fuq in-naha l-ohra. Ghalhekk din il-Qorti qed taghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Clayton Cremona:**[21]

> *'Illi ghalhekk dak li ikkonkludiet l-ewwel Qorti f'dan ir-rigward u cioe li kien hemm zewg versjonijeti kunfligenti dwar dak li sehh huwa minnu. Id-difiza iccitat sentenza nsotrana u cioe il-Pulizija vs Alfred Galea li tghid li meta ikun hemm zewg versjonijiet kunflingenti dan ghandu iwassal ghal liberazzjoni pero daqstant iehor hemm sentenzi li jghidu li meta ikun hemm kunflitt mhux bilfors dan iwassal ghall-liberazzjoni.* ***Meta gudikant ikun rinfaccjat b'zewg verzjonijiet konfliggenti u cioé jistghu jigru zewg affarijiet il-Gudikant ghandu jara jekk l-kaz tal-Prosekuzzjoni jkunx gie sodisfacentement ppruvat, u fin-nuqqas BISS li l-Qorti ghandha tillibera. Jekk addirittura l-gudikant ikun moralment konvint l-i lverzjoni korretta hija wahda u mhux l-ohra, jimxi fuq dik il-verzjoni li jaccetta u jekk dik il-verzjoni tkun timpronta l-htija tal-imputat jew akkuzat, allura jiddikjara tali htija u jghaddi ghall-piena jew ghal xi provvediment iehor'***

Il-Qorti taghmel referenza wkoll ghas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. John Pace**,[22] fejn il-Qorti irriteniet illi xhud wiehed biss jekk emmnut huwa bizejjed sabiex il-Qorti tasal ghad-decizjoni taghha ghax dan ukoll jifforma prova shiha u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt gie ippruvat minn zewg xhieda jew aktar:

> *'Ma hemm xejn hazin illi l-Qorti tistrieh fuq xhud wiehed biss kif del resto hija ntitolata li taghmel permezz tal- Artikolu 638(2) tal-Kapitolu*

[21] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-23 ta' Marzu, 2021.
[22] Deciza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali nhar il-31 ta'Ottubru 2013.

*9. Dan l-Artikolu jghid illi xhud wiehed jekk emmnut minn min ghandu jiggudika fuq il-fatt hija bizzejjed biex taghmel prova shiha u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt gie ippruvat minn zewg xhieda jew aktar. Naturalment din ix-xhud tkun trid tigi evalwata fil-kuntest tal-linji gwida moghtija mill-Artikolu 637 tal-Kapitolu 9.'*

Din il-Qorti setghet tosserva mill-atti processwali illi l-appellant u omm il-kwerelanta Mariah Farrugia kienu ghaddejin minn proceduri ta' separazzjoni meta sehh dan l-incident. Din il-Qorti taf illi l-piki u l-glied sfortunatament gieli jirrenjaw f'dawn ic-cirkostanzi u li dawn is-sitwazzjonijiet ma jkunux facli ghal hadd, specjalment ghat-tfal tal-konjugi. Din il-Qorti ma setghetx ma tinnutax l-ispunt li hareg mix-xhieda ta' Mariah Farrugia a fol. 13 tal-atti processwali meta l-Ewwel Qorti saqsietha kienitx ser tixhed fil-konfront ta' missierha u hi wiegbet, *'Iva, jien anke ghandi darba witness nitla' ma' ommi.'* Bla dubju ta' xejn, rimarka bhal din fiha hafna x' tahseb, specjalment fid-dawl ta' dan il-kaz.

Fil-proceduri odjerni, din il-Qorti setghet tinnotta distakk bejn dak li Mariah Farrugia qalet *a tempo vergine*, u cioe' wara inqas minn erbgha u ghoxrin siegha minn meta sar l-incident, lill-pulizija u min naha l-ohra meta ddeponiet quddiem l-Ewwel Qorti. Fl-ewwel lok din qalet li meta missierha rega' pprova sabiex johdilha l-mobile, din qabdet ixxejjirlu daqqiet ta' ponn sabiex tiddefendi ruhha u jhalliha bi kwieta. Hi hatfitlu l-arlogg u qaltlu sabiex jitlaq 'l barra u spiccat imbutatu sabiex dan jaghmel hekk. Min-naha l-ohra meta din xehdet quddiem l-Ewwel Qorti hi xehedet hekk:-

*' U gie biex jaqbadli l-mobile u ghafasli idejja u jiena dak il-hin qisni ghollejt idejja bhala self-defense ghax wara li bdew jisseparaw ommi u missieri sar naqa vjolenti meta qabel ma kienx u bdejt nibza.'*

Filwaqt illi mal-pulizjia ammettiet li hija bdiet taghti bil-ponn lil missierha u sahansitra anke mbuttatu, quddiem l-Ewwel Qorti ma semmghet xejn li hi kienet tatu daqqiet ta' ponn f'sidru u f'idu. Din il-Qorti ma temminix illi genitur li wild ikun jibza minnu

ghaliex wara s-separazzjoni ikun sar vjolenti, ttih daqqiet ta' ponn fuq sidru u idu, u sahansitra timbuttah mill-kamra. Oltre minn hekk, kif xehed PS 654 Elton Bondin, din giet offrutha l-assistenza tal-appogg sabiex isir *'risk assesment'* madankollu *'dak il-hin kienet irrifjutat li taghmlu u hekk kif tahsibha kienet ser terga tmur l-ghassa filghodu sabiex taghmlu, izda din qatt ma marret.'* Din il-Qorti ghahekk iktar tikkonvinci ruhha illi kieku din vera kienet qed tibza mill-appellant, li x'hin bdew il-proceduri ta' separazzjoni sar vjolenti, kienet tmur gewwa l-ghassa u taghmel ir-*'risk assessment'* li kien offrut lilha.

Ai fini tat-tieni aggravju, din il-Qorti trid tiddeciedi liema verzjoni ghandha iktar mis-sewwa u cioe' jekk l-appellant zammx id il-kwerelanta waqt l-inkontru sabiex johdilha l-mowbajl u ghalhekk jirrizulta kuntatt fiziku jew potenzjali kuntatt fiziku, jew kif qal hu stess lill-pulizija, hu ghamel hekk lill-pulizija sabiex hu jkun jista' jiddefendi ruhhu mill-kwerelanti, li bdiet tolli idejha fil-konfront tieghu. Din il-Qorti temmen illi l-verzjoni tal-appellant hija aktar attendibbli u dan meta kkumparat mal-inkonsistenza tax-xhieda tal-kwerelanti Mariah Farrugia. Ghalhekk stante li l-prosekuzzjoni ma lahqitx il-livell tal-prova rikjesta mill-ligi u cioe' li l-kaz irid jigi ppruvat minghajr l-ebda dubbju dettat mir-raguni u *stante* li qeghdin fil-kamp penali, kwalunkwe dubbju ghandu jimmerita favur l-imputat.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti qeghda tilqa' l-appell tal-appellant u bhala konsegwenza filwaqt illi tikkonferma s-sentenza appellata li biha l-appellant instab mhux hati ghat-tieni akkuza, thassar u tirrevoka l-istess fejn sabet lill-appellant hati tal-ewwel akkuza u minflok tillibera lill-appellant minn kull akkuza, htija u piena.

Consuelo-Pilar Scerri Herrera

Imhallef

Nadia Ciappara

Deputat Registratur